MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Numru. 651/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs**

**JOSEPH ELLUL**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Ellul ta' 57 sena, iben Carmelo u Salvina nee' Bungalais, imwieled Cospicua, fil-1 ta' Settembru 1948, u li joqghod 'Avalon', Francis X Attard, Zabbar. Detentur tal-Karta ta' l-identita' bin-numru 834348M gie akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer, f’hanut bl-isem ta’ ‘QSL’ li jinsab Pjazza Medjattrici, Zabbar fil-21 ta’ Lulju 2005 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

1. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ accessorji ta’ telefon cellulari tad-ditta Nokia.

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 298 (1) (a) (b) (c ) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

2. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta’ Malta.

(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

3. u aktar talli, fl-istess perjodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma trademark registrata, jew biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak;

(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 72(1) tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska u id-distruzzjoni ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat iddikjara li m’ghandux htiega ta’ avukat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat bl-aktar mod car dwar id-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat u meta staqsiet lill-imputat jekk jikkonfermax id-dikjarazzjoni tieghu li m’ghandux htiega ta’ avukat, l-imputat ikkonferma li m’ghandux htiega ta’ avukat.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok KB3 u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 18, 23, 298(1)(a)(b)(c ) u (f) u 298B tal-Kap. 9 u l-artikolu 72(1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Joseph Ellul, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat

Joseph Ellul ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm250) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin mil-lum l-imputat Joseph Ellul jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna il-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok KB8.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Ellul l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------